MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MICALLEF JOSEPH R.

Seduta ta' 09 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 1188/2001/1

**TOPSERV LIMITED**

**vs**

**NICHOLSONS The SUPERMARKET LIMITED**

**Il-Qorti:**

Rat l-att taċ-Ċitazzjoni mressqa fis-27 ta' Ġunju, 2001, li biha s-soċjeta' attriċi ppremettiet:

Illi s-soċjeta' konvenuta hija debitriċi tas-soċjeta' attriċi fl-ammont ta' erbat elef tlett mija tlieta u ħamsin liri maltin (Lm4353) li jirrapprezentaw:

(a) Lm575.06, bilanċ t'ammont dovut naxxenti minn kambjala numru NICH018 debitament aċċettata mis-soċjeta' konvenuta u liema kambjala illum hija skaduta, hawn annessa u markata bħala dokumenti ittra "A";

(b) Lm1911.64 bilanċ t'ammont dovut naxxenti minn kambjala numru NICH019 debitament aċċettata mis-soċjeta' konvenuta u liema kambjala illum hija skaduta, hawn annessa u markata bħala dokumenti ittra "B";

(c) Lm1866.33 bilanċ t'ammonti dovuti naxxenti minn varji fatturi għal servizzi u tiswijiet resi lis-soċjeta' konvenuta fuq istallazzjonijiet ta' "lifts" proprjeta' tas-soċjeta' konvenuta skond prospett anness u mmarkat bl-ittra "C"
(hawn aktar 'l isfel magħruf bhala "ilbilanc dovut");

Illi bħala ħlas tal-ammonti imsemmjin fil-paragrafi (a) u (b) fuq imsemmijin is-soċjeta' konvenuta bagħtet żewg 'cheques' ffirmati minn Anthony Ciantar izda dawn ic-cheques ma ssarfux mill-bank, annessi u mmarkati bħala dokumenti "D" u "E";

Illi s-soċjeta' konvenuta baqgħet ma ħallsitx il- bilanċ dovut minkejja interpellanzi għall-istess, u dan l-ammont għadu kollu dovut;

Għalhekk is-soċjeta' attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex għar-raġunijiet premessi:

1. Għaliex, previa dikjarazzjoni li s-soċjeta' konvenuta hija debitriċi tas-soċjeta' attriċi fl- ammont ta' Lm4353, m'għandhiex din il-Qorti tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta minnufih tħallas lill-istess soċjeta' attriċi s-somma ta' erbat elef tlett mija tlieta u ħamsin liri maltin ( Lm4353) hawn fuq imsemmija u dovuta kif intqal aktar 'il fuq;

Bl-imgħax legali mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala sal-gurnata tal-pagament effettiv u bl-ispejjeż kollha inkluz ta' dawn l-atti, tal-mandat ta' sekwestru prezentat nhar it-13 ta' Ġunju 2001 u ta' l-atti ġudizzjarji sussegwenti kollha kontra s-soċjeta' konvenuta li minn issa r-rapprezentanti tagħha huma inġunti in subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-soċjeta' attriċi flimkien mal-ħames (5) dokumenti mressqin magħha;

Rat in-Nota mressqa fil-25 t'Ottubru, 2001, li biha l-kumpannija mħarrka eċċepiet:

1. Illi l-ammont pretiz ta' erbat elef tliet mija tlieta u ħamsin lira (Lm4353) mhwiex dovut stante illi l-lifts li ġew provduti u installati mis-soċjeta' attriċi ma ġewx isstallati kif suppost u skond l-arti u sengħa u għalhekk qatt ma iffunzjonaw, u f'dan ir-rigward qed tiġi intavolata kontra-talba;

Għaldaqstant it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' attriċi, salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xhieda tal-kumpannija mħarrka;

Rat il-kontro-talba mressqa mill-kumpannija mħarrka fil-25 t'Ottubru, 2001;

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-kumpannija mħarrka rikonvenjenti, flimkien mad-dokument mehmuż magħha;
Rat in-Nota mressqa fil-15 ta' Novembru, 2001, li biha l-kumpannija attriċi eċċepiet, dawr il-kontro-talba li:

1. Il-lift ġie kummissjonat f'Mejju 1998, b'sena garanzija kuntrattwali, liema garanzija għalhekk ilha li spiċċat;

2. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, anki jekk, għas-saħħa tal-argument, Nicholsons The Supermarket Ltd kellha dritt ta' azzjoni minħabba allegati difetti latenti, dan id-dritt waqa bl-egħluq ta' sitt xhur mid-data tal-kunsinna tal-lift;

3. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-ħlas li għamlu Nicholsons The Supermarket Ltd kien skond ftehim li sar bejn il-partijiet, u li ġie rivedut u miftiehem mill-ġdid, u ma tistax issa tintalab rifuzjoni ta' prezz;

4. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-sistema ta lifts ġiet istallata u kummissjonata kif suppost u skond l-arti u s-sengħa. Kwalunkwe ħsara li saret, saret b'negligenza ta' Nicholsons The Supermarket Ltd, u s-soċjeta' rikonvenzjonata Topserv Ltd m'għandha ebda responsabilita' f'dan ir-rigward, u t-talbiet kontenuti fil-kontro-talba tas-soċjeta' Nicholsons The Supermarekt Ltd għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom, salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-kumpannija attriċi rikonvenuta;

Rat in-nota tas-soċjeta' attriċi tat-23 t'Awissu, 2002 li biha rriduċiet it-talba tagħha għal tlitt elef mitejn u ħmistax-il lira maltija u tnejn u ħamsin ċenteżmu (Lm3215.52);
Rat in-nota tas-soċjeta' konvenuta li biha ammettiet it-talba attriċi kif ridotta;

Eżaminat l-atti tal-kawża;

Billi mill-ammissjoni tas-soċjeta' konvenuta, it- talba ridotta tirriżulta pruvata;

Fuq ammissjoni tas-soċjeta' konvenuta, tiddeċiedi billi **tilqa' t-talba tas-soċjeta' attriċi** limitatament għas-somma ta' tlitt elef mitejn u ħmistax-il lira maltija u tnejn u ħamsin ċenteżmu (Lm3215.52) u bl-imgħaxijiet kif mitluba u bl-ispejjeż kontra is-soċjeta' konvenuta;

Rat ukoll in-Nota mressqa fit-23 t'Awissu, 2002, li biha l-kumpannija mħarrka ċediet it-talbiet rikonvenzjonali tagħha;

Fid-dawl ta' dan il-Qorti qegħda tieqaf milli tisma' iżjed l-atti tal-kontro-talba.

***Moqrija***

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**9 t’Ottubru, 2002**

**Charles Falzon,**
**Deputat Registratur,**
**9 t’Ottubru, 2002**